MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2005

Numru. 350/2002

Il-Pulizija
(Spettur Alexandra Mamo)
vs
Joseph Falzon

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Joseph Falzon, detentur tal-karta ta' l-identita numru 539951(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar snin, b'diversi atti li jiksru l-istess dispozzizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda :

Approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu, fil-kapacita tieghu bhala wiehed mid-diretturi tal-kumpannija G and S Falzon Ltd., taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' approprja ruhu minn flejjes

migbura bhala VAT mill-kumpanija G and S Falzon Ltd, liema flejjes jammontaw ghas-somma ta’ aktar minn LM10,000, liema flejjes jappartjeni lil Gvern ta’ Malta u persuni ohra, u li kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd jew li jsir uzu specifikat, u dan minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, dan bi ksur ta’ l-Artikolu 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti, inkluz l-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi d-Dipartiment tax-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kiteb lill-pulizija fis-27 ta’ Settembru, 2001 u talabhom jinvestigaw allegat ksur ta’ misappropjazzjoni ta’ taxxa fuq il-valur mizjud migbura u li kienet dovuta lill-Gvern ta’ Malta, minn Anthony Falzon, f’isem is-socjeta’ G and S Falzon Limited.

Illi l-istess Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud indikaw bhala l-perjodu tal-kaz in kwistjoni il-perjodu mill-1 ta’ Frar, 1999 sal-31 ta’ Ottubru tas-sena 2000. Id-Dipartiment irrapporta wkoll lill-pulizija li Anthony Falzon, bhala wiehed mid-Diretturi tas-socjeta’ G and S Falzon Limited, kien issottometta “returns” ghall-perjodu imsemmi u l-ammont bhala taxxa migbura li kienet indikata mill-istess Diretturi tas-Socjeta fuq ir-returns li huma stess issottomettew lid-Dipartiment kien ta’ tlettax il-elf, seba’ mija u hmistax il-lira u sitta u disghin centenzmi; liema

ammont kien ghadu dovut lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Is-Supretendent Mamo xehdet illi kienet ghamlet l-investigazzjonijiet taghha mal-MFSC u mill-Memorandum and Articles of Association irrizulta illi d-Diretturi tas-socjeta’ G and S Falzon Limited kienu tlieta Anthony Falzon, Paul Falzon u Joseph Falzon, l-imputat fuq imsemmi. Is-Supretendent Mamo kompliet tixhed illi inizjalment kienet baghatet ghal Anthony Falzon, li jigi hu l-imputat u dana deher mal-ewwel li ma kien jaf xejn dwar ir-returns li s-socjeta’ issottomettiet lid-Dipartiment tal-VAT. Anthony Falzon qal lis-Supretendent li dawn kien jiehu hsiebhom huh Joseph Falzon, l-imputat fuq imsemmi. Ghalhekk is-Supretendent Mamo regghet baghtet ghal Anthony Falzon u kelmitu fil-prezenza tal-imputat Joseph Falzon u dana gara fid-29 ta’ Jannar tas-sena 2002. Is-Supretendent Mamo xehdet illi l-imputat irrilaxxja stqarrija dakinhar fejn, inter alia, kien assuma r-responsabilita ghan-nom tad-Diretturi tal-kumpannija G and S Falzon Limited u kien stqarr illi kien hu li kien iffirma ir-returns li kien baghat lil VAT department. Huwa kien qal ukoll illi kien qed ihallas lil VAT department permezz ta’ rati mensili ta’ hames mitt lira fix-xahar.

Illi l-Qorti fil-fatt ezaminat l-istqarrija li irrilaxxja l-imputat fejn meta gie mistoqsi min kien jaghmel ir-returns li kienu jintbaghtu lil VAT department l-imputat wiegeb illi dawn kien ghamilhom l-accountant tal-kumpannija Nicholas Urpani. Pero’ kien iffirmahom hu, jigifieri l-imputat, izda umbaghad kien jipprezentahom l-accountant. Mistoqsi x’ghamlet il-kumpannija mill-flus migbura tal-VAT mis-sales illi ghamlet il-kumpannija u li suppost thallsu lid-Dipartiment tal-VAT, l-imputat wiegeb illi parti mis-somma illi d-Dipartiment qieghed jikkontesta huma multi u mhux flus migbura mill- VAT u parti mis-somma baqghu jithaddmu fil-kumpannija stess. L-imputat ikkonferma li l-kumpannija ghandha taghti lid-Dipartiment tal-VAT flejjes dovuti lill-VAT department. Huwa qal ukoll illi kien dispost illi jhallas il-flus dovuti lid-Dipartiment tal-VAT. Precizament huwa qal illi bhala kumpannija lesta li thallas kollox lid-Dipartiment tal-VAT. Huwa qal ukoll illi bhala

kumpannija huma kitbu lid-Dipartiment fejn spjegawlhom is-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpannija u qal illi kienu qeghdin ihallsu lill-VAT department permezz ta' rati mensili ta' hames mitt lira fix-xahar.

Illi xehed l-imputat f'dawn il-proceduri u qal illi huwa jahdem bhala Direttur mal-Kumpannija G and S Falzon Limited. Is-Sur Falzon qal illi fis-snin 1999 u fis-sena 2000 l-accounts tal-kumpannija kien jiehu hsiebhom Nicky Urpani li kien jidhol darba fil-gimgha u kien jiehu hsieb l-accounts kollha tal-kumpannija. Il-formoli tal-VAT li kellhom jintbaghtu kull tlett xhur kien jimlihom l-istess Sur Urpani, li kien imur ghand is-Sur Falzon, l-imputat, sabiex jiffirmahomlu. Umbaghad dawn il-formoli kienu jintbaghtu lill-VAT Department. L-imputat kompla jixhed illi s-Sur Urpani kien jghidlu illi kien hemm ammont outstanding li kellu jithallas lil VAT department. Huwa xehed illi dawn il-flus ma kienx ghaddihom lill-VAT department ghaliex dak iz-zmien il-kumpannija ma kienitx qeghda tahdem sew, ma kienitx qeghda taqla flus kif suppost. L-imputat spjega li fl-istqarrija tieghu kien stqarr illi dawn il-flus dovuti lid-dipartiment tal-VAT baqghu jithaddmu fil-kumpannija. Effettivament xehed illi l-flus kienu jidhlu mal-fondi l-ohrajn u permezz ta' dawn il-flus kienu jithallsu d-djun tal-kumpannija. Gieli thallas ukoll il-VAT Dipartiment minn dawn il-flus. L-imputat xehed illi kien ukoll jixtri affarijiet ghall-kumpannija. Huwa qal illi kien intefa l-aktar fuq iz-zebgha. Kienu jixtru zebgha minghand il-Berger fejn kellhom ukoll share holding f'din il-kumpannija. Kienu jhallsu d-dejn ukoll lil din il-kumpannija tal-Berger u meta telgha certu ammont kienu partu d-dejn ma shares fil-kumpannija ta' G and S Falzon. Bhala precizjoni l-imputat qal illi kienu bieghu s-shares taghhom, jigifieri s-shares li kellha l-kumpannija G and S Falzon fil-kumpannija Berger, lill-istess kumpannija Berger. Huwa xehed illi la hu personalment u lanqas lil xi kumpannija tieghu qatt ma ghamlet uzu personali minn flus li kienu dovuti lill-VAT department.

In kontro-ezami, l-imputat xehed illi d-Diretturi ta' G and S Falzon huma hu, huh Anthony Falzon u huh Paul Falzon. Huwa xehed illi hu kien jaghmel kollox fil-kumpannija hlief

is-sales ghaliex dawn kien jaghmilhom Anthony Falzon. Id-direttur l-iehor ma kien jaghmel assolutament xejn. Kien Nicky Urpani li kien jikkumpila u jikteb il-formoli tal-VAT, hu kien jiffirmahom u umbaghad kienu jintbaghtu lil VAT department. L-ammont illi iddikjaraw illi ingabar mill-kumpannija bhala VAT kien dahal fil-kontijiet normali tal-kumpannija u intuza biex jithallsu djun ohrajn u gieli wkoll thallsu il-kontijiet tal-VAT minn dawn il-flus. Huwa xehed illi kien jaf li l-flus li gabru kienu dovuti lill-VAT department u ma kienux tal-kumpannija stess. L-imputat xehed ukoll illi wara li inbdiet il-kawza huwa dahal fi ftehim mal-VAT department u qeghdin ihallsu somma fix-xahar ta' hames mitt lira (LM 500) lill-VAT Department.

Illi xehed ukoll Christopher Baldacchino, certified public accountant and auditor, u qal illi ilu jaf lill-imputat madwar ghaxar snin. Huwa beda jahdem mas-socjeta' G and S Falzon ghall-habta tal-bidu tas-sena 2001 u dak iz-zmien il-posizzjoni finanzjarja ta' din il-kumpannija kienet prekarja. Kien hemm seba' VAT returns ta' tlett xhur illi kienu gew "filed" mill-accountant ta' qablu minghajr pagament u dawn kienu jammontaw ghat-total ta' hamsa u ghoxrin elf, tmien mija u tlettax il-lira. Minn dak iz-zmien 'il quddiem bdew in-negozjati mal-VAT department rigward il-hlas lura ta' dawn il-flus, izda ma setghux jaslu dwar "terms of payment". Huwa xehed illi minn din is-somma riedet tonqos is-somma ta' hdax il-elf sebgha mija u disa u tmenin lira, li kienu ghadhom pendenti mill-awdituri ta' qablu rigwardanti c-"change over" tas-sistema tat-taxxa minn CET ghal VAT, u bi qbil mad-dipartiment tal-VAT, dawn il-flus tnaqqsu mis-somma li semma ta' hamsa u ghoxrin elf lira cirka u b'hekk l-ammont nizel ghal erbghatax il-elf u erbgha u ghoxrin lira. Minn hemm hekk 'il quddiem bdew isiru pagamenti regolari mal-VAT department ta' hames mitt lira fix-xahar. Ix-xhud qal illi matul il-perjodu li s-socjeta' kellha thallas dawn il-flus lill-VAT departement is-socjeta' ma kienitx sejra tajjeb, kienet tixtri l-prodotti taghha mill-kumpannija Berger Paints Malta Limited. G and S Falzon ma kienitx thallas tal-prodotti li kienet tiehu minghand il-Berger u l-bilanc telgha. B'hekk, sabiex jigi konsolidat id-dejn, sar ftehim fuq "share transfer agreement". Dwar il-prodotti li kienet tixtri s-

socjeta' G and S Falzon minghand il-Berger, kien hemm prodotti li ghadhom stock u apparti minn hekk kienu ibieghu lill-klijenti. Il-bilanc il-kbir gie mibjugh effettivament u l-flus li kienet iddahhal is-socjeta' G and S Falzon mill-bejgh ta' dawn il-prodotti kienu jigu depositati fil-"cash flow" tal-kumpannija u kienu jigu uzati biex jinqatghu djun tal-kumpannija, partikolarment mill-bilanci dovuti lill-impjegati, lill-VAT department u lill-kredituri ohrajn. Huwa xehed illi meta dahal jahdem hu ma din is-socjeta', la s-socjeta' u lanqas l-imputat ma hadu xi flus. Jigifieri l-imputat qatt ma ha xi flus ghall-uzu tieghu personali. Anzi dahal fi ftehim fejn ipoteka assi personali tieghu a favur tal-kumpannija sabiex jigu ikklerjati d-djun tal-kumpannija u x-xhud esebixxa dokumenti li fil-fatt jippruvaw dan kollu.

Illi fil-11 ta' Marzu tas-sena 2005, xehed Paul Scicluna bhala rapprezentant tal-VAT department u nforma lill-Qorti illi l-ammont kollu dovut lill-VAT department gie imhallas kollu u li l-VAT department ma ghandu l-ebda pretenzjoni ulterjuri kontra l-imputat jew kontra s-socjeta' li huwa jirrapprezenta.

Ikkunsidrat :

Illi l-Prosekuzzjoni tikkontendi illi l-imputat ammetta fix-xhieda li ta f'dawn il-proceduri illi l-ammont li suppost gie mghoddi lill-VAT department dahal fil-kontijiet normali tal-kumpannija G and S Falzon u dawn il-flus gew uzati mill-imputat sabiex jithallsu djun ohrajn tal-kumpannija kif ukoll djun dovuti lill-VAT department. Ghalhekk il-Prosekuzzjoni tikkontendi li gew ippruvati l-elementi kollha tar-reat ta' misapproprjazzjoni.

Illi l-argument tad-difiza huwa illi jonqos l-element tal-profitt li huwa wiehed mill-elementi li irid jirrizulta sabiex jissusisti r-reat ta' misappropjazzjoni. Skond id-difiza ma giex ippruvat illi l-imputat ottjena xi profitt ghalih innifsu minn dawn il-flus illi suppost thallsu lill-VAT department. Id-difiza issottomettiet illi l-Prosekuzzjoni strahet fuq dak illi intqal lilha mill-VAT department u ma ressqet l-ebda prova dwar kontijiet bankarji ta' l-imputat, jew kontijiet

bankarji tal-kumpannija G and S Falzon Limited u lanqas ma ingabu provi li xi persuni ohrajn setghu ibbenefikaw direttament bi qligh jew bi profitt permezz ta' dan l-agir ta' l-imputat ghan-nom tas-socjeta' G and S Falzon. Izda l-Prosekuzzjoni baqghet issostni illi una volta l-flus intuzaw biex thallsu djun ohra minn tal-kumpannija l-kumpannija ibbenefikat.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti rat dak illi qal il-gurista Antolisei fil-ktieb tieghu "Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale, fl-ewwel volum, pagna 316 sa pagna 331.

Illi jirrizulta illi l-elementi essenzjali tar-reat ta' misappropjazzjoni huma s-segwenti :

Il-vjolazzjoni tal-fiducia permezz ta' l-misapproprjazzjoni ta' oggett jew flejjes appartenenti lil haddiehor fdati lil xi hadd sabiex isir uzu minnhom specifikat. Effettivament il-vjolazzjoni tal-fiducja tavvera ruhha meta minflok isir l-uzu specifikat isir uzu differenti mill-persuna li lilha tkun giet fdata dak l-oggett jew dawk il-flus appartenenti lil haddiehor. Huwa necessarju ukoll illi jissussisti d-"dolo", jigifieri l-konsapevolezza illi qieghed jigi kommess att li jmur kontra r-rieda tal-proprjetarju tal-oggett jew tal-flus in kwistjoni. Finalment, jenhtieg ukoll illi l-persuna tkun agixxiet sabiex tipprokura ghaliha innifsha jew ghal haddiehor profitt ingust.

Illi dwar il-profitt l-Antolisei jghid :
Per quanto concerne la consumazione del reato deve escludersi che sia necessario che la gente abbia conseguito un profitto perche dalla formola del articolo 646 si desume inmodo inequivocabile che il profitto e' soltanto una nota dell'elemento psicologico; e' il fine a cui la volonta si deve dirigere. Non c'e' dubio che il delitto e' perfetto anche se tale fine non viene realizzato.

Dan ifisser illi anke jekk effettivament is-suggett ma jottjeni l-ebda profitt ghalih, il-fatt illi l-intenzjoni tieghu kienet li jottjeni tali profitt huwa sufficjenti sabiex jissusisti r-reat ta' misappropjazzjoni.

Illi effettivament dak li gara f'dan il-kaz kien illi l-imputat, fuq ammissjoni tieghu stess meta xehed f'dawn il-proceduri, kif ukoll meta irrilaxxja l-istqarrija lill-pulizija, uza l-flus dovuti lill-VAT department sabiex ihallas djun ohra dovuti mill-kumpannija li taghha huwa kien Direttur, u ghalhekk l-intenzjoni kienet illi una volta li jithallsu dawn id-djun dovuti mill-kumpannija, il-kumpannija tigi xi ftit fuq saqajha u ghalhekk fil-fehma tal-Qorti anke dan l-element tal-profitt jirrizulta ippruvat mill-Prosekuzzjoni.

Illi l-Prosekuzzjoni ma kellha l-ebda obbligu illi tressaq il-kontijiet bankarji la tal-imputat u lanqas tas-socjeta' li taghha huwa dirigent, peress illi m'huwiex necessarju illi jigi ippruvat illi effettivament sar xi profitt. Il-fatt illi kien hemm l-intenzjoni li jsir il-profitt, kif jirrizulta ampjament illi kien hemm, huwa necessarju sabiex jissussisti r-reat ta' l-misapproprjazzjoni.

Ghalhekk, il-Qorti tara illi l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-akkuzi kollha dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi u ghal din ir-raguni il-Qorti, filwaqt illi tiddikjara lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u dana wara li rat l-Artikoli 293 u 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ser tghaddi issa sabiex tistabilixxi l-piena. Il-Qorti ikkunsidrat ghal din il-fini l-fatt illi l-imputat illum il-gurnata hallas l-ammont kollu dovut lill-VAT department, kif ukoll il-fatt illi huwa ikkopera mal-pulizija matul l-investigazzjoni u mal-ewwel ammetta l-involviment tieghu f'dawn ir-reati, kemm matul l-investigazzjoni, kif ukoll meta xehed f'dawn il-proceduri, u ghalhekk minkejja l-fatt illi huwa ma ghandux fedina penali netta l-Qorti tara illi ghandha taghtih l-ahhar opportunita sabiex jirriforma hajtu u jaqbad it-triq it-tajba. Ghalhekk, wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt illi tilliberah tobbligah illi ma jaghmel l-ebda reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilita tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------